# Is-Sena Pawlina u l-Posta Maltija

**kitba ta' Paul Callus**

Il-Posta Maltija dejjem kienet minn ta' quddiem sabiex tfakkar avvenimenti, personaġġi, dati u anniversarji importanti, l-iżjed u iżjed jekk dawn ikunu relatati ma' pajjiżna. Ma setax jonqos għalhekk li għal darb' oħra tagħti sehemha sabiex tipprovdilna tifkira taċ-ċelebrazzjonijiet għas-Sena Pawlina, li bdiet nhar it-28 ta' Ġunju 2008 u tkompli sad-29 ta' Ġunju 2009, u li matulha nkunu qed niċċelebraw it-tieni millennju mit-twelid ta' San Pawl.

Biex tfakkar din l-okkażjoni speċjali, il-MaltaPost ħarġet sett ta' bolli li jirriproduċu vari titulari ta' l-Appostlu San Pawl. Dawn il-bolli kienu ddisinjati minn Paul Psaila. L-erba' bolli riprodotti f'dan is-sett huma: (a) ta' Ħal Safi, skultur Xandru Farrugia (€0.19) (b) tal-Munxar, skultur Agostino Camilleri (€0.68) (ċ) tar-Rabat, Malta, skultur Giovanni Caruana (€1.08) u (d) tal-Belt Valletta, skultur Melchiorre Gafà (€3.00). Kif qed taraw Ħal Safi ukoll għandu biex ikun kburi li jissemma bi prominenza f'din il-ħarġa speċjali ta' bolli Maltin.

Dawn il-bolli jistgħu jinxtraw bħala *First Day Covers*, ittimbrati jew mingħajr timbri, bħala *Souvenir Folders* u *Presentation Packs*. Għal din l-okkażjoni l-MaltaPost ħasbet ukoll biex toħroġ *Commemorative Folder* bi kwantità limitata għal 7500, li jinkludi l-bolli ġo *folder* speċjali flimkien ma' tagħrif u illustrazzjoni dwar il-vari, il-knejjes u l-parroċċi rispettivi tagħhom. Il-*folders* huma kollha numerati u fihom kwotazzjonijiet dwar is-Sena Pawlina tal-Papa Benedittu XVI, ta' l-Arċisqof ta' Malta Patri Pawlu Cremona O.P. u ta' l-Isqof ta' Għawdex Mario Grech. Bħas-soltu l-bolli jistgħu jinxtraw mill-fergħat kollha tal-MaltaPost, mill-Mobile Unit, u mill-Bureau Filateliku fil-Marsa.




KAŻIN SAN PAWL • SAFI
A.D. 1929

*Fil-jiem tal-festa nħeġġu lil kulħadd biex jersaq aktar lejn is-Sagramenti.*